FONTANA

Minuti tal-kontinwazzjoni tas-sittax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn, 31 ta` Lulju 2006 fl-4.00 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | **Membri** |
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

Korrispondenza
Dun George Bezzina, Kappillan tal-Fontana, bagħat ittra fejn staqsa liema marċ ġie sponsorjat mill-Kunsill biex la jsir ħlas doppju u biex javża lin-nies fil-Bullettin peress li fil-programm tal-festa kien hemm indikat li l-marċ tad-Dimostrazzjoni ser jiġi sponsorjat mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill iddeċieda li jibgħat ittra lill-Kappillan fejn jispjega li l-Kunsill ma jistax iħallas il-marċ fid-dawl tal-*management letter* tal-awditur għar-raġuni li l-Kunsill diġa' kien kommess bil-parteċipazzjoni tiegħu fit-tiġrijiet tal-bhejjem u FestaTfal li jsiru fl-okkażjoni tal-Festa Titulari. Il-Kunsill ukoll ma jistax jifhem kif fil-programm tal-Festa deher li l-Kunsill ser jisponsorja l-marċ meta dan lanqas biss ġie diskuss u kkonfermat mill-Kunsill peress li rċieva l-ittra wara li ġie ppubblikat il-programm tal-festa. Il-Kappillan ser jiġi mitlub sabiex jekk ser jinġieb fil-Bullettin tal-Parroċċa kif qal fl-ittra preċedenti, li l-Kunsill ma ħallasx il-marċ, jagħti wkoll dawn ir-raġunijiet hawn fuq imsemmija. Il-Kunsill qabel ukoll li jibgħat kopja tal-*management letter* lill-Kappillan.
*Eurolinks Foundation* (Malta) bagħtu korrispondenza bis-suġġett 'Naħdmu Flimkien għall-Paċi'.
*TCTC* bagħtu korrispondenza dwar iċ-ċertifikati tal-korsijiet tal-kompjuter. Il-Kunsill qabel illi jqassam hu ċ-ċertifikati lill-parteċipanti tal-korsijiet li saru.
Grupp ta` *Youth Workers* bagħtu korrispondenza lill-Kunsill fejn offrew li jagħtu servizz lill-Kunsill relatat maż-żgħażagħ tal-komunita' u proġetti ddisinjati għall-bżonnijiet taż-żgħażagħ. Il-Kunsill qabel illi ssir taħdita għaż-żgħażagħ minn dawn il- *Youth Workers*.
L-Enġinier Renzo Curmi bagħat *e-mail* fejn ikkwota mill-minuti tat-28 ta` Marzu 2006 dwar l-istima tal-*belisha beacon units*. Huwa qal illi min din il-kwotazzjoni wieħed jagħti x`jifhem illi huma qed jisirqu lill-Kunsill. Filwaqt li jipprotesta bil-qawwa kollha kif dawn il-minuti qegħdin iħammġu r-reputazzjoni, huwa talab laqgħa mal-Kunsill sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni ta` *Galea Curmi Engineering Consultants*. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi l-Enġinier Curmi jiġi meta jrid dwar dan. Il-Kunsill qabel.

Is-Soċjeta Dante Alighieri bagħtet informazzjoni dwar il-korsijiet għaż-żgħar. Il-kors ikopri 10 lezzjonijiet ta` sagħtejn il-waħda darba fil-ġimgħa. Il-miżata kollha għall-kors tkun ta` Lm120 għal għalliem u Lm200 għal żewġ għalliema. Il-Kunsill qabel illi dan il-kors isir aktar il-quddiem.

*Gozo Tourism Association* għat-tieni sena konsekuttiva ser itellgħu l-avveniment *'Enjoying IT Gozo 2006'.* Il-Kunsill mhux interessat li jipparteċipa għar-raġuni li l-prezz huwa ħafna aktar għoli mis-sena l-oħra.

Il-Kunsill ġie mistieden jattendi għat-tmien Kungress tal-UDITE li ser isir f`Malta bejn il-21 u l-24 ta` Settembru 2006.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb bagħat korrispondenza lill-Kunsill sabiex jinnomina persuna li sservi ta` kuntatt bejn iż-żewġ Kunsilli. Is-Sindku aċċetta li joqgħod hu.

L-Awtorita' tat-Turiżmu bagħtet korrispondenza bis-suġġett *'Product Brand Champion'.*

Il-Kumitat Konġunt dwar l-infurzar lokali bagħat il-*financial statements* għas-sena li għalqet fil-31 ta` Marzu 2006. Is-Sur David Soler bagħat ukoll korrispondenza fejn tgħid illi l-ammont dovut lill-Kunsilli Lokali għas-sena finanzjarja 2005-2006 huwa ta` Lm500 cioe` d-depożitu li sar mill-istess Kunsilli Lokali.

Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni B`Diżabilita bagħtet il-kummenti tal-Perit tagħha dwar l-applikazzjoni nru. PA1535/06 tal-proġett taċ-Ċentru Ċiviku. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jibgħat pjanti ġodda li jkunu konformi mal-*guidelines* tal-Kummissjoni. Il-kummenti għandhom jingħataw lill-Perit Attard Montalto sabiex tkun tista` taġġorna l-pjanti u tissottomettihom lill-M.E.P.A.

It-Taqsima Kultura fi ħdan id-Dipartiment tal-*Customer Services* bagħtet korrispondenza bis-suġġett 'Karnival ta` Għawdex 2007'.

Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili ser jiġbor materjal mingħand il-pubbliku bl-iskop li tinġabar għajnuna umanitarja lill-poplu tal-Lebanon. Il-Kunsill ġie mitlub li jiġbor il-materjal mingħand ir-residenti. Il-Kunsill aċċetta.

Il-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent bagħat korrispondenza bis-suġġett '*34U campaign*'.

L-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta talbet lill-Kunsill rapport dwar applikazzjoni għal *reserved parking* ta` Ms. Marie Chantelle Bugeja, persuna b`diżabilita', li toqgħod 122, Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal dan il-parkeġġ.

Is-Sur Carmelo Saliba, *Manager ADT* f`Għawdex, bagħat korrispondenza dwar il-*bus shelters.*

L-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta bagħtet korrispondenza dwar l-importanza tal-*maintenance* tas-sinjali tat-traffiku.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar infurmat lill-Kunsill li l-appell tal-ħajt ta` Triq ix-Xlendi nstema' fit-12 ta` Lulju 2006. L-Avukat Chris Said informa lill-Kunsill li l-Bord ta` l-Appell ma reġax laqa` talba għal differiment u ntbagħat għas-sentenza. Dan peress li x-xogħol biex tinbena mill-ġdid Triq ix-Xlendi għadu ma nbediex.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.

Is-Sinjura Joanne Galea ta` Triq ta` Mulejja bagħtet korrispondenza dwar l-applikazzjoni għall-bini PA7617/03 f`tarf Triq ta` Mulejja. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi għal din l-aħħar sena ilu f`kuntatt mas-Sur Ian Galea tad-Direttorat tat-Toroq fi ħdan il-M.E.P.A. Dan wara li f`Lulju tas-sena l-oħra kienet saret laqgħa miegħu. Issa dan id-Direttorat qed jipproponi lill-Bord biex titħassar tarf Triq ta` Mulejja u għamel pjanta kif għandu jsir l-iżvilupp tal-*belvedere*, taraġ minflok it-triq u ser tingħata l-linja fejn ser ikun jista' jinbena. Dan għandu jitressaq quddiem il-Bord tal-M.E.P.A. nhar il-Ħamis, 3 t`Awissu. Is-Sindku għandu jattendi flimkien mal-Perit John Saliba.

Is-Sur Lawrence Farrugia mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar id-devoluzzjoni li l-Kunsill talab fi Triq tal-Għajn u Triq ta` Mulejja. Id-Dipartiment irrakkomanda li jkun aħjar li fil-mument jistenna r-riżultati tal-proċeduri legali. Is-Sindku qal illi huwa ma jaqbilx ma dan għaliex il-parti tal-*Playing Field* mitluba m`hemmx proċeduri legali u tista` tiġi devoluta. Il-Kunsill qabel illi jikteb lid-Dipartiment u jitlob li ssir devoluzzjoni ta` din il-parti għalissa. Barra minn hekk għandu jissemma li s-saqaf taż-żewġt ikmamar li jintużaw mill-Pulizija fil-Festa Titulari u dak tal-latrina pubblika ġie kkundannat f`Ġunju li għadda mill-Perit tal-Gvern.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet 'Linji ta` Gwida dwar l-iskemi ta` l-Immaniġġjar tat-Traffiku' ta` l-Awtorita' dwar it-Trasport.

L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet ċekk ta` Lm46.50 bħala *reimbursement* għall-laqgħa tas-Sindki li saret f`Mejju. Dan ġara minħabba l-fatt li l-Viċi-Sindku m`attendiex għall-laqgħa u s-Sindku m`attendiex għall-ikla tal-Ġimgħa filgħaxija.

Inqrat Ċirkulari AKL 37/2006 dwar ittra mill-*Malta Transport Authority*.

Inqrat Ċirkulari AKL 39/2006 dwar *Copyright Act 2000 – Performing Rights (PRS)* – Liċenzja dwar il-*Performing Rights Society Ltd. (PRS).* Il-Kunsill qabel illi jħallas din il-liċenzja.

Inqrat Ċirkulari AKL 39/2006 dwar aħbar tal-mewt tas-Sur Emanuel Dalli, ir-raġel tas-Sinjura Mary Rose Dalli, Kunsillier fil-Kunsill Lokali Marsa.

Inqrat Memo 19/2006 dwar Tnidija tas-Servizz Ġdid għall-Anzjani – *Message in a Bottle*. Dwar dan l-istess servizz intbagħtet ukoll korrispondenza mill-*Lions Club St. Paul`s Bay*. Il-Kunsill qabel illi jibgħat l-informazzjoni mitluba.

Inqrat Memo 20/2006 dwar Rapport dwar l-Effiċjenza tal-Kunsilli Lokali.

## Mistoqsijiet

Il-Kunsillier Lorry Apap staqsa dwar il-kaxxa tar-*reserved parking* li hemm fi Triq il-Kappillan Ġuzepp Hili tal-mejjet Ċelestino Grech. Huwa qal x`inhu jżomm li titneħħa. Is-Sindku qal illi dan ir-*reserved* ma kienx għamilha l-Kunsill u qal ukoll li ser isaqsi lill-armla tiegħu għandhiex kwalifiċi biex iżżommha peress dan is-sajf kellha wkoll inċident.

## Mozzjonijiet

Mozzjoni Nru. 1 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mis-Sinjura Maria Schembri. Il-Kunsill għandu jitlob lill-M.E.P.A. biex il-Fontana tiġi mdaħħla fl-Iskema ta` l-Irranġar tal-Galleriji fejn is-sidien jingħataw għajnuna ta` sittin fil-mija biex dawn jiġu rranġati.

Mozzjoni Nru. 2 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsillier Lorry Apap. Il-Kunsill qabel illi jordna dik il-parti tal-bankina fi Triq ta` Mulejja għand id-Dipartiment tad-Distretti.

Mozzjoni Nru. 3 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jitlob lid-Dipartiment tas-Sanita' sabiex jipprovdi l-velenu neċessarju biex jiġu salvati diversi siġar tal-ħarrub li qed jinqerdu mill-ġrieden.

Mozzjoni Nru. 4 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Viċi-Sindku. Il-Kunsill għandu jkompli jaħdem biex il-proposti li għamlu rappreżentanti tal-*'Europe Direct'* waqt taħdita li

saret għall-anzjani titwettaq. Il-proposta hi li jsir bdil għal safra kulturali ta` grupp t`anzjani mill-Fontana ma grupp ieħor minn pajjiż tal-Unjoni Ewropeja.

Mozzjoni Nru. 5 tas-Sur Saviour Borg. Din il-mozzjoni diġa saret peress li kienet ser issir lejliet l-Imnarja, meta saret il-laqgħa preċedenti.

Mozzjoni Nru. 6 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jorganizza ħarġa soċjo-kulturali għat-tfal f`Malta. Din il-ħarġa għandha ssir fil-5 ta` Settembru 2006.

Mozzjoni Nru. 7 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jieħu sehem fil-'Gaulitana', festa għawdxija ta` tradizzjoni u kultura. Il-Kunsill għandu jieħu sehem billi jorganizza attivita' fl-ewwel *weekend* ta` Diċembru li jkun jaħbat ma` 'Jum il-Fontana' u l-festa ta` Sant`Indrija.

Approvazzjoni ta` kontijiet

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | |
|---|---|
| *Gatt Construction Ltd.* | Lm 257.41,0 |
| Chris Borg | Lm 78.00,0 |
| *Stencil Pave Limited* | Lm 156.70,0 |
| *Local Councils Association* | Lm 8.00,0 |
| Kollox Bil-Lira | Lm 22.00,0 |
| Michael Refalo | Lm 84.96,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | Lm 6.63,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | Lm 14.51,0 |
| *B. Grima & Sons Ltd.* | Lm 70.80,0 |
| Saviour Borg | Lm 83.82,0 |
| Emmanuel Caruana | Lm 25.00,0 |
| *Office Needs* | Lm 83.90,0 |
| *WasteServ Malta Ltd.* | Lm 123.19,0 |
| *Public Cleansing Department* | Lm 32.96,0 |
| *B.C.D. Graphics Ltd.* | Lm 54.50,0 |
| *The Guard & Warden Service House Ltd.* | Lm 40.80,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 591.50,0 |
| Anthony Mercieca | Lm 30.00,0 |
| *George Farrugia & Sons* | Lm 17.50,0 |
| Victor Attard | Lm 123.81,0 |
| *Maltacom p.l.c.* | Lm 60.26,0 |
| Total | Lm1966.25,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 14/2005 ġiet approvata.

**Ilmenti/Suġġerimenti**

Is-Sinjura Ivana Mizzi ta` 271, Triq tal-Għajn talbet sabiex isiru sinjali sofor maż-żewġ naħat tal-*garage* peress li qed ikun diffiċli toħroġ bil-vettura mill-*garage*. Il-Kunsilliera Maria Schembri astjeniet peress li din tiġi bintha. Il-Kunsill qabel illi jgħaddi dan l-ilment lill-A.D.T.

Is-Sur Emanuel Schembri ta` 'Schembri House' Triq is-Sajjieda kiteb lill-Kunsill dwar Triq Wied Siekel. Huwa ssuġġerixxa li din it-triq tiġi kostruwita triq normali għat-traffiku u kull m`għandha bżonn hu l-livellar tagħha. Huwa rrifera għall-applikazzjoni li l-Kunsill għamel biex isir passaġġ. Skond is-Sur Schembri din it-triq hija valida għar-raħal għax tista tkun ta` diverżjoni tat-traffiku li jgħaddi minn Triq tal-Għajn. Il-Kunsill qabel illi jibgħat dawn is-suġġerimenti lill-M.E.P.A.

Is-Sur Colin Willmott Hall ta` *"Sunrise"* Flat 2, Triq is-Sajjieda talab sabiex issir bankina quddiem il-blokk tal-appartament fejn joqgħod. Il-Kunsill qabel illi din il-bankina ssir mill-ħaddiema li għandu.

Is-Sur Anton Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* talab l-appoġġ tal-Kunsill biex ikun jista` jkompli x-xogħol t`artiġjanat. Huwa għandu applikazzjoni quddiem il-M.E.P.A.-PA 05048/04 biex jagħmel xogħol ta` ħġieġ dekorattiv li ġiet rrifjutata. Il-Kunsill qabel illi jikteb lill-M.E.P.A. sabiex iħeġġiġha toħroġ dan il-permess, b`hekk ikun qed jiżdied l-uniku xogħol t`artiġjanat fil-Fontana.

Is-Sindku qal li ġie avviċinat minn Dolora Zammit ta` 50, Triq tal-Għajn biex żewġ qsari kbar li għandha tibdilhom m`oħrajn iżgħar mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Anthony Cassar qal illi ġie mitlub sabiex issir bankina quddiem *plot* mhux mibnija u *garage* fi Triq ta` Mulejja. Is-Sindku qal illi hemm rampa għolja ħafna għall-*garage*. Sar qbil illi jmorru l-membri tal-Kunsill jaraw fuq il-post.

Is-Sur George Cassar ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili qal illi huwa tkellem mal-Perit Guido Vella minħabba l-problema ta` Triq Vajrinġa meta tkun magħluqa waqt il-ħin ta` l-iskola. Is-Sur Cassar issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel laqgħa mal-Perit Vella peress li hu espert f`dan il-qasam. Il-Kunsill qabel illi dan is-suġġett jiġi diskuss mas-Superintendent tal-Pulizija meta jiġi f`laqgħa tal-Kunsill.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi nġibditlu l-attenzjoni sabiex issir mera fil-kantuniera ta` Triq John Gaspard Le Marchant peress li hija *blind-corner*. Il-Kunsill qabel illi jitlob permess lill-A.D.T.

Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi hemm problema fejn l-Għejjun fejn ingħataw ċitazzjonijiet għoljin lil xi ndividwi fi Pjazza l-Għejjun peress li kienu qed jaħslu l-vetturi. Is-Sindku qal illi li għamel ħażin il-*warden* hu li ħareġ it-*tickets* mingħajr ma kellmu lil min kien qed jaħsel il-karozza, imbagħad irċivew iċ-ċitazzjoni bil-posta. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi jekk il-Kunsill ser jiddeċiedi li mhux ser isir ħasil ta` vetturi ssir tabella. Is-Sindku qal illi hemmhekk huwa post storiku u hija ħaġa kerha li jsir ħasil ta` vetturi. Il-Kunsilliera Lorry Apap u Maria Schembri qalu illi ma fiha xejn ħażin għax isir ħasil ta` vetturi f`dan is-sit. Is-Sindku qal illi hemmhekk għamel proġett il-Kunsill u jekk jiżloq xi ħadd jista` jfittex lill-

Kunsill. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi l-Kunsill għandu mmedjatament jordna tabelli peress illi inkella ser jibqgħu jingħataw ċitazzjonijiet simili. Huwa żied jgħid illi ħdejn l-Għejjun ilu jsir ħasil ta` vetturi u f`daqqa waħda tfaċċa l-*warden* jagħti t-*tickets*. Is-Sindku qal li dan il-post hu wieħed minn fejn indika l-Kunsill f`laqgħa preċedenti biex imorru l-*green wardens*. Il-Kunsill qabel illi jordna tabelli fejn ikun indikat li ma jistax jintuża sapun waqt il-ħasil tal-karozza. Irid jiġi deċiż x`ser jinkiteb fuq it-tabelli biex wara ħadd ma jkun jista' jakkuża l-Kunsill fuq xi ħaġa li tkun ġratlu.

<u>Materji oħra</u>

Il-Kunsill qabel illi jixtri *Chick Swinging Event with Centre Platform* għall-prezz ta` Lm490 sabiex titpoġġa fil-*Playing Field* mingħand *John G. Cassar Ltd.*

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat ir-Rapport Annwali Amministrattiv. Il-Kunsill approva unanimament ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2005-2006.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi Charlene Grima, George Sam Mizzi u Dorothy Pisani bdew mal-Kunsill taħt l-iskema tal-*jes*.

Il-Kunsill iddiskuta l-applikazzjonijiet tal-korsijiet tal-kompjuter li qed isiru mit-*T.C.T.C.* Il-Kunsill iddeċieda li jħallas 25% mill-ħlas tal-korsijiet ta` dawk li huma residenti fil-Fontana. Is-Sindku ssuġġerixxa li jitħallas ukoll dan il-perċentwali mill-Kunsill ta` l-applikazzjoni tat-tifla ta` Joe Mercieca, ħaddiem tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament. Il-Kunsill ser iħallas ukoll l-ammont ta` Lm19 għal kull persuna residenti fil-Fontana li applikat għall-kors tal-*beginners*.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-offerta tax-xogħol ta` restawr tal-Għajn il-Kbira saret laqgħa mal-Perit Saliba, hu u l-Kunsillier Lorry Apap. Il-Perit għamel stima ta` dan ix-xogħol għall-prezz ta` Lm1056.00 u Lm656 mingħajr l-i*scaffolding*. Is-Sindku għamel kuntatt dak il-ħin ma` Mark Bajada fejn infurmah b`dan. Huwa m`aċċettax li jaħdem dan ix-xogħol għal dan il-prezz, għaldaqstant l-offerta kellha tiġi mwaqqa'. Is-Sindku ppropona li tintbagħat ittra rreġistrata lil Mark Bajada fejn jiġi offrut iridx jaħdem dan ix-xogħol bis-siegħa u l-materjal għall-Kunsill. Din l-ittra għandha tiġi mwieġba fi żmien ġimgħa. Il-Kunsill qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi wieħed mit-*telephone set* tal-Kunsill ma jaħdimx peress li l-*cleaner* waqt li kienet tnaddaf waqqgħet xi ilma fuqu.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-qsari ta` fuq il-bankina quddiem il-Knisja mietu peress li ġew imsoqqija b`xi ilma ħażin fil-ġranet tal-festa minn xi ħadd mhux magħruf. Tħawlu oħra ġodda minflokhom.

Qed issir ukoll sistema ta` drenaġġ ġdida fi Sqaq Nru. 3 fi Triq tal-Għajn peress li dan kien għadu bla servizz. Dan qed isir mill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma.

Saru r-rapporti lill-M.E.P.A. mill-Perit Saliba dwar it-tindif ta` Wied ix-Xlendi, passaġġ fi Triq Wied Siekel u rranġar f`tarf Triq Għajn Tuta. Dwar it-tindif ta` Wied ix-Xlendi s-Sindku qal li ġibed l-attenzjoni tal-Perit Ivana Farrugia li għamlet dan ir-rapport biex tintbagħat *addenda* fejn infurmaha biex jiddaħħal li f`Ottubru li għadda waqt maltempata, l-wied tela` fit-triq u kaxkar ir-*retaining wall* li kien hemm minħabba l-qasab u materjal ieħor li kien hemm fil-wied. Barra minnhekk sa għaxar snin ilu f`din il-parti tal-wied ma kien jikber l-ebda qasab.

Inkitbet ukoll ittra lid-Direttur Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex biex jiġi misluf *scaffolding* biex isir ir-restawr tal-Għajn il-Kbira.

Saret laqgħa l-Qorti dwar il-ħajt tas-sejjieħ ta` Triq ix-Xlendi. Kien preżenti l-Avukat Chris Said u s-Sindku f`isem il-Kunsill, u l-Avukat Angele Formosa f`isem il-kuntrattur Pius

Attard. L-Avukat Said f`isem il-Kunsill ippropona li jiġi mqabbad Perit ta` fiduċja taż-żewġ naħat biex jagħmel rapport dwar dan ix-xogħol. L-Avukat Formosa qalet li ser tgħaddi din il-proposta lill-kuntrattur.
Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li reġa sar tentattiv ieħor biex tinfetaħ l-Għajn ta` Bendu permezz ta` *bowser* tad-drenaġġ bil-koperazzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi ta` l-Ilma.
Beda wkoll isir il-ħasil tal-bankini tal-proġett ta` Pjazza l-Għejjun kull ħmistax il-ġurnata mill-ħaddiema tal-Kunsill. Jintuża l-ilma mill-istess għejjun.
Saret ukoll b`suċċess il-ħarġa ta` jum fi Sqallija. Attendew 42 peruna fosthom is-Sindku, l-Viċi-Sindku u l-Kunsilliera Maria Schembri flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Żorna *Pozzallo*, *Taormina* u *Mount Etna*. Il-Kunsillier Anthony Cassar ma setax jattendi għal raġunijiet personali, dan minkejja li l-Kunsill kien ħallas il-biljett.
Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ngħalqu l-kontijiet tat-tiġrijiet tal-bhejjem u li s-Sur Anton Cassar tal-*Fontana Cottage Industry* ta lill-organizzaturi l-Lm200 tas-soltu. Sadanittant is-Sur Carmel Xerri, wieħed mill-organizzaturi tat-tiġrija tal-bhejjem, għadda lill-Kunsill rendikont ta` l-ispejjeż tat-tiġrija.
Il-Kunsill qabel illi jerġa' jġedded żewġ kuntratti li għandu mad-Dipartiment tad-Distretti. Dawn huma dak tal-*'Maintenance of Traffic Signs and Road Markings'* u dak ta` l-*'Upkeep and Maintenance of Access Roads and Access only'*.

Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 30 t`Awissu 2006 fl-4.00 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |